# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 364/2007**

**Dr. Adriana Vella (ID137963M)
personalment u ghan-nom tal-Biological
Conservation Research Foundation
(BICREF)**

**Vs**

**Alan Deidun (ID71779M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2013 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz ippresentat fit 12 ta' Novembru 2007 fejn ir-rikorrenti talbet lill dina l-Qorti tiddikjara illi l-kontenut ta' ittra intitolata "Turtle release report" illi deher fil-gazzetta Times of Malta fis 17 ta' Novembru 2006 kif ukoll l-artiklu 'Silver Linings' fil-pagna imsejjha 'Green Whistleblower' f-pagna 79 tas-'Sunday Times of Malta' tad-19 ta' Novembru 2006 kif ukoll l-ittra intitolata 'Turtle Release saga' li dehret f'pagna 10 tat-Times of Malta fl 24 ta' Novembru 2006 kienu lkoll libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti, kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tal-Biological Conservation Research Foundation (BICREF) u ghalhekk talbet illi l-intimat jigi kkundatta ihallashom danni rizultat ta' tali fatt.*

*Rat l-artikoli minnha esebiti u ppresentati, datati 17 ta' Novembru 2006, 19 ta' Novembru 2006 u 24 ta' Novembru 2006.*

*Rat d-difiza mressqa mill-intimat fl 4 ta' Jannar 2008 fejn huwa sahaq li l-pubblikazzjoni tieghu ma kienet xejn aktar minn rettifika ta' inezattezzi ppublikati mir-rikorrenti stess u ghalhekk t-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Rat ix-xhieda ta'* **Dr Adriana Vella** *moghtija fis 7 ta' Mejju 2008 kif ukoll fl 20 ta' Mejju 2008 u fl 4 ta' Gunju 2008.*

*Rat in-nota bid-dokumenti ossija varji ittri ippubblikati dwar il-kwistjoni imsemmija fl-ittri meritu tal-kawza odjerna esebita fl 4 ta' Gunju 2008 mir-rikorrenti.*

*Rat ix-xhieda ta'* **Joseph Vella**, *co-President tal-assocjazzjoni hekk imsejjha BICREF, moghtija fl 20 ta' Jannar 2009.*

*Rat ix-xhieda ta'* **Frederick Bowman**, *li kien, fiz-zmien meta nqalghet il-kwistjoni li wasslet ghal pubblikazzjoni tal-ittri u skambju ta' ittri fuq il-gazzetti, fl-ispettorat ta' l-Ambjent tal-MEPA, liema xhieda inghatat fil-5 ta' Frar 2009.*

*Rat ix-xhieda ta'* ***Stanley Gatt****, li huwa fl-ispettorat tal-Ambjent tal-MEPA, liema xhieda inghata fil 5 ta' Frar 2009.*

*Rat ix-xhieda tal-****Kaptan Russell Caruana****, Kaptan tal-Patrol Boats fil-Forzi Armati ta' Malta moghtija fis 17 ta' Marzu 2009.*

*Rat illi fl 24 ta' Gunju 2010 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Vincent Attard****, President Ezekuttiv tan-Nature Trust Malta moghtija fis 6 ta' Frar 2012.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Dr Anthony Gruppetta****, Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Agrikultura u Sajd, moghtija fis 7 ta' Mejju 2012 kif ukoll fit 22 ta' Ottubru 2012.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Sarah Muscat****, volontarja tal-Nature Trust, moghtija fis-7 ta' Mejju 2012.*

*Semghet ix-xhieda tal-****Professur Victor Axiaq****, li kien Kap tad-Dipartiment tal-Biologija fl-Universita' ta' Malta fi zmien meta inqalghet kwistjoni ohra bejn il-partijiet dwar rappurtagg illi kien sar mir-rikorrenti dwar symposium li kien sar, li kien sehh fl-ahhar tas-sena 2002.*

*Semghet ix-xhieda tal-intimat* ***Alan Deidun*** *moghtija fl 14 ta' Jannar 2013 u l-kontro ezami tieghu illi sar dakinhar stess kif ukoll fil 15 ta' April 2013.*

*Rat illi fil 15 ta' April 2013 l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta w il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali wara il-presentata tan-noti ta' sottomissjonijiet.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrenti ippresentata fil 21 ta' Gunju 2013 kif ukoll dik ta' l-intimat ippresentat fil 11 ta' Lulju 2013.*

***Ikkunsidrat***

*Il-kawza odjerna tinbet minn artikolu illi deher fis-Sunday Times of Malta fil 11 ta' Novembru 2006 fejn il-BICREF, ossija Bioligical Conservation Research Foundation (BICREF), kienet harget stqarrija fejn ghamlet referenza ghal okkazzjoni li kienet sehhet il-gurnata ta' qabel fejn hdax-il fekruna kienu gew rilaxxjati fil-bahar wara illi kienu gew mdewwa u kurati gewwa ic-centru ta' San Lucian. F'tali stqarrija, l-istess BICREF, filwaqt illi tinnota bi pjacir li gew rilaxxjati tali fkieren u ssemmi li dawna kienu kkurati minn Francis Sammut, li jahdem fi hdan il-Fisheries Department, u Dr Anthony Gruppeta, tghid ukoll is-segwenti:-*

*"Bicref and conservation biologist Adriana Vella have been intermediating in the rescue process by directing the public, sea users, the Armed Forces of Malta and fishermen coming across injured turtles or spotting sick turtles to the relevant rescue centre"*

*Dina l-istqarrija hekk ippubblikata wasslet ghall wahda mit-tlett ittri miktuba mill-intimat meritu tal-kawza odjerna, ossija dik mitkuba fis 17 ta' Novembru 2006 intitolata '**Turtle release report**'. F'dik l-ittra, l-intimat, ghalkemm jghid li qed jikteb fil-kwalita' personali tieghu, jghid ukoll illi dakinhar tar-rilaxx tal-fkieren, ma kien hemm ebda rappresentant tal-BICREF filwaqt illi kien hemm erbgha rappresentanti tan-Nature Trust Malta, fosthom hu wkoll. Filwaqt illi mbghad jghid illi Nature Trust ghandha 'marine rescue team' taghha li ssalva fkieren feruti u tehodhom fic-Centru ta' San Lucian, jilmenta li r-rappurtagg ippubblikat mit-Times"*

*" ... failed to refer to the commendable work carried out by San Lucian rehabilitation centre staff who painstakingly took case of the freed turtles for three whole years, in some cases. San Lucian should have been apportioned the lion's share of the Times' article rather than an NGO whose sole merit is to*

*have "intermediated in the rescue process by directing the public ... " since turtles were actually taken case of at the centre in question."*

*L-ittra tkompli tghid:*

*"The eminent biologist mentioned in the same article was not even present during the event, despite the talbe about her "intermediating" role."*

*L-intimat, imbghad, fid-19 ta' Novembru 2006, fit-tieni ittra meritu tal-kawza odjerna, fil-kolonna illi huwa jippubblika regolarment regolarment, jerrgha jaghmel referenza ghar-rilaxx tal-fkieren u jghid:*

*"The only flaw is the fact the whole event was hijacked by an NGO, BICREF, which featured exclusively in The Times reporting on the event despite the NGO's leading exponent not being present that day and not having any role in the turtle-rescue/rehabilitation process."*

*Fit 22 ta' Novembru 2006, permezz ta' ittra ippubblikata fit-Times tat 22 ta' Novembru 2006, irrisponda Joseph Vella, bhala President tal-BICREF, ghal dak li kien qieghed jghid l-intimat fejn, filwaqt illi qal li l-hsieb tal-istqarrija tal-BICREF kienet biex ticcelebra ir-rilaxx ta' hdax-il fekruna, qal ukoll, fost affarjiet ohra:*

*"The intermediating role played by Dr Vella, conservation biologist, University of Malta and BICREF, uses a professional and non-sensationalist approach to the turtle resecue procedures and thus absence from the release ceremony cannot be taken to mean absence of the valid intermediating role towards helping the animals at risk."*

*Huwa imbghad ikompli jiddeskrivi dak mikub mill-intimat bhala "peculiar when coming from a renouned Nature Trust's council member", kif ukoll li fiha kien hemm "unfounded claims" u "gross inacuracy" filwaqt illi jghid illi l-fekruna li*

*tidher fir-ritratt li fiha l-intimat jidher izomm fekruna kienet attwalment fekruna li giet migbura mill-BICREF u mehudha c-centru San Lucian minnhom.*

*L-intimat sussegwentement jirrispondi ghal tali ittra b'ittra ohra, li hija t-tielet ittra meritu tal-kawza odjerna, ossija dik ippubblikata fl 24 ta' Novembru 2006, fejn, filwaqt illi joggezzjona ghal fatt illi Vella kien naqas milli jiskuza ruhu ghal fatt li ma kienux semmew lill Malta Centre for Fisheries Sciences kif ukoll NGO's ohra fl-istqarrija taghhom, jaghmel referenza ghal kwistjoni ohra li kienet inqalghet, dejjem mal-istess rikorrenti, fis-sena 2002, fejn ir-rikorrenti kienet ippubblikat rapport dwar il-Biology Symposium illi kienet inzammet dik is-sena u semmiet biss progetti minnha supervizjonati, liema rapportagg kien wassal ghall-ilment ippubblikat f'ittra kontra tali rappurtagg da parte tal-membri akkademici fid-Dipartiment tal-Biologija kif ukoll studenti ohra li kienu ppresentaw progetti dakinhar izda li ma ssemmwex.*

*Tali ittra, eventwalment, wasslet ghall ittra da parte tar-rikorrenti mibghuta fid-29 ta' Novembru 2006 fejn ghamlet referenza ghall-ittra tal-intimat tal-24 ta' Novembru 2006 u ghal kaz li kien inqala fit-2002 u sahqet illi r-rapport taghha kien attwalment rapportagg tal-progetti minnha supervizjonati u mhux rapportagg tal-progetti kollha ippresentati fil-Biology Symposium tas-sena 2002 u ghalhekk l-oggezzjonijiet tal-lecturers kollha tad-Dipartiment tal-Biologija u tal-istudenti kienu bbazati fuq fatti inkorretti.*

*L-intimat irrisponda ghal tali ittra permezz ta' ittra datata 1 ta' Dicembru 2006, illi ma hijex meritu tal-kawza odjerna, fejn huwa sahaq illi tlett Professuri full-time kienu kitbu joggezzjonaw fuq l-artikolu miktub mir-rikorrenti, bhala 'Senior Lecturer', u ghalhekk hass illi ma kienx f'loku illi hija titlob l-iskuzi ta' tali allegazzjonijiet izda kienet semmai hi li kellha tiskuza ruhha talli naqset milli taghti l-importanza mehtiega lill Malta Centre for Fisheries Sciences kif ukoll NGO's ohra fl-istqarrija taghha.*

*Ir-rikorrenti, gimgha wara fit-8 ta' Dicembru 2006, tirrispondi ghal dak li qal l-intimat f'ittra intitolata '**Turtle rescue saga**' fejn filwaqt illi tattakka lill-intimat billi tghid li "even a person who elevates his edicational level may lack good sense and judgment by wriitng unfounded and unwarranted insinuations to try to discredit other persons' valuable work" tkompli tghid:*

*"It is clear that Dr Deidun has managed to mess up over and over again and will not admit it or excuse himself for it. Trying to hide behind other persons will not diminish the sphere of conservation science and practice who clearly did not deserve it. Any future involvement of such a person in local conservation work will need to take all of this into consideration"*

*Finalment, f'tali ittra, ir-rikorrent tghid is-segwenti:-*

*"Anyone needing some more facts, in relation to the turtle rescue process and the self-glorified feature pages written by Dr Deidun, would have obtained insights through the letters, correcting Dr Deidun's errors, sent to the Sunday Times and The Times, including those by The Times editor, BICREF, The Sunday Times' editor and the undersigned".*

*Il-kwistjoni, madanakollu, ma waqfitx hemm, u fl-10 ta' Dicembru 2006, kiteb Dr Antonio Tufigno, ghan-nom ta' BICREF fejn, filwaqt illi ghamel referenza ghall ittra tal-intimat tad 19 ta' Novembru 2006, jigifieri t-tieni ittra meritu tal-kawza odjerna, jirrileva li BICREF ma setghetx ma tinnutax li l-fatt li l-intimat kien jidher qed jgholli fekruna fir-ritratt li huwa ppubblika kien jindika:*

*" ... his little sense of conservation practice, which, to make matter worse, was of bad example to children present on site and later to the readers of his feature."*

*L-intimat, sussegwentement, irrisponda ghall ittra ta' Dr Tufigno permezz ta' ittra ippubblikata fis 17 ta' Dicembru fejn, filwaqt li sahaq li Dr Tufigno naqas*

*milli jgharraf lill-qarrejja li kien bghatt ittra interpellatorja lill-istess intimat fejn heddu bi proceduri ta' libell f'kaz li ma jiskuzax ruhu ta' dak li kiteb, ghadda biex jerggha, ghal darba ohra, jirrafferma li r-rikorrenti ma kienetx presenti dakinhar li gew rilaxxjati l-fkieren filwaqt illi jirriafferma wkoll illi l-involviment tar-rikorrenti gewwa c-centru ta' riabilitazzjoni ta' San Lucian huwa minimu hafna. Huwa sahaq ukoll illi f'kaz li r-rikorrenti ma tirtirax l-allegazzjonijiet minnha maghmulha fl-ittra taghha tat 8 ta' Dicembru, huwa kien ser jipprocedi bi proceduri ta' libell ukoll.*

*Aktar minn xahar wara, jigifieri fil 21 ta' Jannar 2007, il-President tal-BICREF, Joseph Vella, ghamel referenza ghall-ittra tal-intimat tas 17 ta' Dicembru 2006 u jghid illi l-intimat kien "gone overboard with the whole issue" u sahaq illi "his assertions remain futile, out of point and desperate attempts to discredit valuable voluntary and professional conservation work."*

*L-istess Vella, imbghad, jghaddi biex jaghmel referenza ghall artikolu ippubblikat mill-intimat fis 16 ta' April 2006, jigifieri hafna xhur qabel ma gew rilaxxjati il-fkieren, liema artikolu kien intitolat '**Turtle nesting in the Maltese Islands**', u jirrileva illi f'tali artikolu huwa jsemmi biss lill 'Nature Trust Marine Rescue Team', u l-unika referenza ghal Malta Centre for Fisheries Sciences gewwa c-centru ta' San Lucian kien bhala 'temporary depot'. Huwa ghalhekk staqsa ghaliex l-intimat kien qieghed joggezzjona ghal-istqarrija tal-BICREF fejn, skond hu, kienet naqset milli taghti l-importanza lis-Centru ta' San Lucian meta huwa stess kien ghamel hekk ftit xhur qabel.*

*L-intimat irrisponda ghal dina l-ahhar ittra permezz ta' ittra datata 28 ta' Jannar 2007 intitolata '**Useless polemic**' fejn huwa ddeskriva l-iskambju ta' korrispondenza fil-pubbliku bhala "useless altercation between two NGO's supposedly working for the same objectives, in a desperate call for attention". Huwa imbghad sahaq li, kif kien qal fl-ahhar ittra tieghu "all parties involved in*

*this useless polemic should have the good sense to refrain from further exchanges in the press, so as to avoid bringing academic institutions and the NGO's they represent into further disrepute."*

*Huwa imbghad ghalaq l-ittra tieghu billi qal is-segwenti:*

*"I reiterate that I consider the matter closed. I hope BICREF does too."*

*Fit 12 ta' Novembru 2007, ghaxar xhur wara l-ahhar ittra mighuta, ir-rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, mill-fatti kif fuq spjegati, jidher car illi kien hemm skambju ta' korrispondenza vasta da parte tal-partijiet interessati fil-kaz li wassal ghal kawza odjerna, liema skambju sar kollu fl-apert u soggett ghall iskrutinju pubbliku.*

*Di fatti, il-Qorti ghamlet ezami tal-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, li kienu jikkomprendu tnax-il ittra ippubblikati minn meta gew rilaxxjati hdax-il fekruna fl-10 ta' Novembru 2006, u indikathom f'certa dettall fil-kunsidrazzjonjiet taghha sabiex kullhadd jifhem l-iter ta' dak kollu illi sehh bejn il-partijiet.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi anke qabel tali rilaxx, gia kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn l-intimat u persuni involuti fil-BICREF rizultat ta' artikolu illi l-intimat kien kiteb dwar il-fkieren f'Malta, liema artikoli, ghalkemm mhux meritu tal-kawza odjerna, jaghtu wiehed x'jifhem x'wassal biex eventwalment saru tali skambju ta' korrispondenza.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, fost il-hafna xhieda ppresentati miz-zewgt partijiet, kien hemm ix-xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta, illi huwa d-Direttur Generali (Veterinary and*

*Phytosanitary Regulation) fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarjiet Rurali, kif ukoll tal-Professur Victor Axiaq, illi kien id-Dekan tad-Dipartiment tal-Biologija ghal hafna snin, fejn iz-zewgt partijiet fil-kawza huma ghalliema wkoll.*

*Dr Gruppetta, fix-xhieda tieghu, stqarr illi l-progett ta' riabilitazzjoni tal-fkieren u c-centru ta' San Lucian kien progett illi niedu hu u ghadu jiehu hsiebu sa llum. Huwa stqarr illi bis-sistema adoperata taht il-kappa tal-MEPA, kull min isib fekruna gewwa l-bahar illi setghet tigi riabilitata kellu jikkomunika mal-MEPA sabiex tali fekruna tigi salvata. Huwa stqarr ukoll illi ghalkemm il-MEPA kienet involuta peress illi kienet l-awtorita' responsabbli mill-bio-diversita', huwa kien jiehu hsieb ir-riabilitazzjoni tal-fkieren flimkien ma nies ohra fic-Centru gewwa San Lucian..*

*Dr Gruppetta stqarr illi kien hemm hafna NGO's illi kienu jaghmlu uzu minn tali sistema ta' rappurtagg, foshom il-BICREF u in-NATURE TRUST, kif ukoll sajjieda u nies ohra. Huwa stqarr ukoll illi, ghalkemm lir-rikorrenti kien jafha u maghha kien ddiskuta, diversi drabi, kwistjonijijet dwar cetaceji, ftit li xejn iddiksuta maghha kwistjonijiet relatati mal-fkieren, ghalkemm kien hemm okkazzjonijet fejn kellmitu dwar il-fkieren.*

*Il-Professur Axiaq, da parte tieghu, xehed dwar rapport illi kien hemm fis-Sunday Times tad-29 ta' Dicembru 2002 mitkub mir-rikorrenti u sahaq illi wara tali rapport, hu, flimkien mal-professuri kollha fi hdan id-Dipartiment tal-Bioligija, kienu oggezzjonaw permezz ta' ittra ghar-rapport maghmul mir-rikorrenti peress illi tali rapport kien jaghmel referenza biss ghal progetti ta' l-istudenti tar-rikorrenti minghajr ma jsemmi ebda progett iehor, b'dannu kbir lejn l-istudenti l-ohra li kienu ghamlu progetti izda li ma kienux taht is-supervizjoni tar-rikorrenti.*

*Tali xhieda jitfghu dawl independenti u imparzjali dwar, kemm il-fatti tal-kaz, kif ukoll ir-retroxeni li kienu jesistu bejn il-partijiet fil-kawza*

***Ikkunsidrat***

*Illi, fil-kaz odjern, jidher car illi kwistjoni u differenzi personali bejn iz-zewgt partijiet wasslu sabiex zewgt ghaqdiet volontarji rispettati fil-kamp lokali fix-xoghol siewi taghhom fil-kamp tal-protezzjoni tan-natura spiccaw xi glieda medjatika bejniethom illi xejn ma ghamlet gieh lit-tnejn li huma.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, fir-realta' ta' pajjiz zghir bhalma hija Malta, tali glied huma sintomatiku ta' elementi individwali u egoisti li jiehdu s-sopravvent fuq tali assocjazzjonijiet u jispiccaw biex jaghmlu aktar hsara milli gid lill-istess socjetajiet, realta li, sfortunatament, tidher illi tapplika ghal kull attivita' organizzata f'Malta, fejn kullhadd jippretendi illi dak li jaghmel hu, huwa ahjar minn dak li jaghmel l-iehor u ghalhekk, jiddenigra u jimminizza lill-iehor bil-ghan illi jumilja l-parti l-ohra u jhossu superjuri - tali agir egostiku u egocentriku ma jistax hlief iwassal ghal hsara u jtappan kull inizjattiva tajba illi tali persuna jista attwalment ikollha.*

*Tenut kont ta' tali fatti, il-Qorti trid tghaddi biex tezamina il-fatti prodotti quddiemha u l-ittri allegatament malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti da' parte tal-intimat.*

*Fl-ewwel ittra, l-intimat jghid illi l-artikolu riprodott mill-BICREF u li jsemmi lir-rikorrenti, jonqos milli jaghti gieh lill-haddiema tac-Centru ta' San Lucian ghal tlett snin shah ta' xoghol ta' riabilitazzjoni filwaqt illi jfahhar ix-xoghol tal-BICREF. L-intimat jishaq ukoll illi r-rikorrenti ma kienext presenti ghar-rilaxx tal-fkieren, ghalkemm tishaq li kienet timmedja fis-salvatagg ta' tali fkieren.*

*Fit-tieni ittra, ossija artikolu fil-kolonna regolari tieghu 'Green Whistleblower', huwa jilmeta dwar il-fatt illi l-BICREF rrapportaw b'mod unilaterali l-*

*involviment taghhom fir-riabilitazzjoni tal-fkieren minkejja l-fatt illi r-rikorrenti ma kienetx presenti dakinhar tar-rilaxx taghhom kif ukoll minkejja l-fatt illi l-istess rikorrenti ma kellha ebda sehem fis-salvatagg u riabilitazzjoni tal-fkieren.*

*Fit-tielet ittra, imbghad, l-intimat, fost l-affarjiet kollha illi jghid biex iwiegeb ghall ittra mibghuta ftit jiem qabel mill-President tal-BICREF, Joseph Vella, jaghmel referenza ghal kwistjoni illi kienet inqalghet xi erbgha snin qabel biex juri l-'modus operandi' tar-rikorrenti, fejn l-istess rikorrenti kienet irrapportat attivita' annwali tad-Dipartiment tal-Biologija billi ghamle referenza biss ghal-progetti konkluzi minn studenti taghha.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, mill-fatti riprodotti, jirrizulta ben ippruvat illi r-rikorrenti ma kienetx presenti dakinhar tar-rilaxx tal-fkieren da' parte tal-Malta Centre for Fisheries Sciences. Jirrizulta wkoll illi filwaqt li l-istqarrija tal-BICREF tindika illi l-fkieren kienu riabilitati fic-centru ta' San Lucian minn Charles Sammut u Dr Anthony Gruppetta, tali stqarrija ma tindika kemm attwalment damet tali process ta' riabilitazzjoni, ghalkemm il-Qorti tirrileva li tali nuqqas ma tnaqqasx il-fatt illi xi tip ta' rikonoxximent lic-Centru ta' San Lucian sar da' parte tar-rikorrenti.*

*Illi, dwar in-nuqqas ta' sehem fis-salvatazz u riabilitazzjoni tal-fkieren da parte tar-rikorrenti kif imsemmi mill-intimat, il-Qorti ma tista ma tinnutax illi, kif stqarr Dr Gruppetta fix-xhieda tieghu, ftit li xejn ir-rikorrenti kienet tinvolvi ruhha fir-riabilitazzjoni tal-fkieren u l-involviment fis-salvatagg tal-fkieren kien limitat ghal telefonati lill Dr Gruppetta jew nies ohra meta tkun instabet fekruna. Madanakollu, huwa zbaljat li wiehed jghid illi r-rikorrenti ma kienet involuta fl-ebda mod fis-salvatagg tal-fkieren, peress illi hareg mill-provi illi r-rikorrenti kienet il-persuna illi l-Forzi Armati ta' Malta kienu jikkuntattjaw*

*meta jsibu xi fekruna illi jehtigielha l-ghajnuna. Allura, il-Qorti tqis li kien skorrett da' parte tal-intimat illi jghid li ma kienet bl-ebda mod involuta.*

*Dana ma jfissirx illi la darba l-intimat kien skorrett f'dik l-asserzjoni, allura dana ifisser illi tali kliem kienu libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti, peress illi tali kliem iridu jigu ezaminati fil-kuntest taghhom, billi wiehed jifhem x'kien qieghed jigri u jintqal meta tali kumment inghadda, u tinghata importanza wkoll lejn kif il-materja evolviet ruhha fil-gazzetti.*

*L-ahhar ilment illi kellha r-rikorrenti kien jirrigwarda artikolu illi hija ppubblikat fis-sena 2002 u li semma l-intimat fil-korrispondenza tieghu biex jitfa dawl fuq il-metodu illi r-rikorrenti tadopera fuq il-mezzi tax-xandir. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-artikolu minnha riportat, dak iz-zmien, kien wassal sabiex il-professuri kollha tad-Dipartiment fejn hija Senior Lecturer joggezzjonaw bil-qawwa ghal dak li ghamlet u, sahansitra, wasslu biex jiktub ittra kongunta bejniethom biex jilmetaw fuq ir-rapportagg tar-rikorrenti u fuq il-hsara li r-rapportagg taghha ghamlet lid-Dipartiment tal-Biologija*

*Tenut kont ta' tali fatti, il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrenti tikkontendi illi setghet tigi malafamata meta tali kwistjoni tqajjmet mill-intimat sabiex jiggustifika l-agir tar-rikorrenti fil-pubblikazzjoni tal-istqarrija li wasslet ghal din is-saga kollha bejn il-partijiet, aktar u aktar meta, dak iz-zmien, id-Dipartiment kollu tal-Bioligija hlief hi kienu oggezzjonaw ghal-artikolu taghha.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll, illi r-rikorrenti ghazlet li tiddefendi l-posizzjoni taghha biss wara illi ssemmiet il-kwistjoni relatata mal-artikolu minnha ippubblikat fis-sena 2002, u ghalhekk tinnota li dina hija indikazzjoni cara li, filwaqt li l-kummenti precendenti tal-intimat ma kienux dawstant serji ghaliha sabiex iwasslu ghal xi reazzjoni da parte taghha, kellu jkun il-kumment tal-intimat intiz sabiex juri l'modus operandi' tar-rikorrenti illi jwassal ghal reazzjoni taghha.*

***Ikkunsidrat***

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi hija tassew ta' misthija ta' kullhadd illi zewgt assocjazzjonijet ta' volontarjat bhalma huma BICREF u Nature Trust spiccaw jibbattibekkaw u jiggieldu fil-pubbliku bl-aktar mod ridikulu u infantili.*

*Certament, tali glied ma jaghmel ebda gieh lilhom u jista biss iwassal ghat-tnaqqis ta' rispett da' parte tal-qarrejja li certament fehmu dak li kien qieghed jintqal u l-bazi kollu ta' dak kollu hemm miktub - l-ghejra!*

*Din il-Qorti tifhem illi l-qarrej ordinarju certament kien kapaci jgharbel l-informazzjoni voluminuza mghoddija miz-zewgt partijeit sabiex jifhem x'kien illi wasal ghal tali skambju, u ghalhekk certament, f'dak kollu miktub, ma hemm assolutament xejn libelluz, peress illi huwa rizultat ta' skambju ta' veduti illi l-partijeit ghazlu huma stess illi jaghmlu fil-pubbliku u li, ghalhekk, la darba sar fil-pubbliku, ghandhom jifhmu l-portata ta' dak li qalu u jaccettaw il-verdett tal-pubbliku dwar dak minnhom miktub.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti kif ukoll rat u ssemghet ix-xhieda kollha imressqa*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

*Tichad it-talbiet attrici.*

*Fic-cirkostanzi tal-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.'*

Aggravata b'din id-decizjoni, l-attrici Dr. Adriana Vella ressqet l-appell taghha bis-segwenti aggravvji:

1. Illi l-Ewwel Qorti ma ezaminatx bir-reqqa bizzejjed il-kitbiet libelluzi u affrontat il-materja quddiemha b'mod generali minflok iffukat fuq il-libellozita o meno tat-testi li dwarhom saret il-kawza. Illi di fatti il-Qorti fid-decizjoni taghha innutat illi dak li kiteb l-appellat ma kienx ghal kollox korrett u kwindi id-difiza tieghu illi dak miktub minnu kien biss rettifika ta' inezattezzi ppubblikati mir-rikorrenti ma kellhiex tibqa' tregi.
2. Illi l-publikazzjonijiet allegatament ingurjuzi kienu jikkontjenu insinwazzjonijiet malafamanti bil-ghan li itellfu mir-reputazzjoni ta'l-appellanti u kwindi l-Ewwel Qorti erronjament cahhdet it-talbiet taghha.

Il-punt tat-tluq illi ghandha issegwi il-Qorti meta tigi biex taghmel valutazzjoni ta' artikolu inkriminanti f'kawzi ta' libell huwa essenzjalment il-verifika dwar il-veracita tal-fatti irrappurtati. Ma hemmx dubbju illi l-artikolu ghandu bixra opinjonista, intiz sabiex issir rettifika ta' dak li l-artikolista dehrlu li kien rapurtagg ta' fatti inezatti ippubblikati f'gazzetta lokali. Jidher illi l-appellat ha l-ispunt fil-kitba tieghu ghax dehrlu illi l-fondazzjoni rapprezantata mill-appellanti kienet qed tinghata kreditu ghal xi haga li ma kenitx ghamlet hi, izda saret frott tax-xoghol u hidma ta' haddiehor. Huwa ghalhekk hass illi tali fatti kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-qarrejja. Ma hemmx dubbju, anke minn qari tal-kitba fil-mod kif espress mill-appellat illi huwa kien urtat ghal dak li kien sehh u allura l-bixra tal-kitba tieghu hija wahda ta' kritika u mhux semplicement ta' rappurtagg ta' fatti. Il-Qorti, allura trid tara jekk dik il-kritika hijiex wahda malafamanti o meno diretta biex tnaqqas ir-reputazzjoni u il-gieh tal-appellanti u il-fondazzjoni li tifforma parti minnha.

"***Jixraq fl-ewwel lok illi jigi sottolinejat illi f'kazijiet ta' libelli, l-bixra ta' hsieb ta' dawn l-ahhar snin, fuq l-istregwa ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kienet artikolata fis-sens illi fl-analizi tal-fatti u l-gudizzju dwarhom kellu jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-persuna, fis-sens l-aktar***

***ampju tal-kelma, li jipprotegi r-reputazzjoni u l-integrita` tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika.***

***Kif ritenut drabi ohra "l-gurisprudenza in materja zviluppat ulterjorment l-aktar favur il-liberta` tal-istampa bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni u bhala ghodda mehtiega fl-izvilupp demokratiku ta' pajjiz. Naturalment kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi." Anthony De Giovanni vs Mark Lombardo App.Inf. 24/11/2003.***

***Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cjoe, li "(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi e` un interesse pubblico alla conoscenza del fatto u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo". Anthony De Giovanni vs Mark Lombardo App.Inf. 24/11/2003.***

Illi esposti dawn il-punti ta' dritt ghandu jirrizulta illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha stharrget sewwa jekk il-fatti kif esposti mill-appellat kenux ibbazati fuq il-verita o meno. Dina l-kostatazzjoni ta' fatt kienet imsejsa fuq apprezzament ta' provi maghmula minn dik il-Qorti li din il-qorti ta' revizjoni qajla ghandha tiddisturba jekk mhux ibbazata fuq apprezzament manifestament zbaljat. Illi l-Ewwel Qorti strahet fid-decizjoni taghha fuq ix-xhieda ta' zewg xhieda indipendenti u imparzjali, li ma kenux involuti f'dan il-battibekk bil-kitba li sehh bejn il-ko-litigandi, u cioe' dik ta' Dr. Anthony Gruppetta u il-Professur Victor Axiaq. Minn ezami ta' dawn iz-zewg xhieda, l-Ewwel Qorti dehrilha illi kemm il-fatti irrappurtati fl-ewwel zewg ittri in konnessjoni mall-avveniment tas-salvatagg tal-fkieren tal-bahar, kif ukoll dawk in konnessjoni mat-tielet ittra dwar il-Biology Symposium li kien sehh fl-2002 kienu fatti materjalment veritjieri. Illi illum f'socjeta fejn il-liberta ta' espressjoni saret jedd fondamentali, il-kritika meta hija wahda kostruttiva ma tistax titqies li hija

malafamanti anke jekk ovvjament ser turta lil persuna lejn min hija diretta. Huwa biss meta dik il-kritika tkun wahda esagerata u ukoll ibbazzata fuq fatti inveritjieri illi ghandha tircevi is-sanzjoni tal-Qorti.

**Meta jsir l-eżerċizzju biex jiġi determinat jekk l-interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt għal-liberta` ta' espressjoni kinitx waħda meħtieġa f'soċjeta` demokratika trid issir distinzjoni bejn fatti u opinjonijiet, kumment jew *value judgments.* F'soċjeta` demokratika persuna ma għandhiex tigi penalizzata għaliex tesprimi opinjoni jew *value judgment* u dan għar-raġuni li opinjonijiet u ġudizzji bħal dawn ma humiex passibbli ta' apprezzament biex jiġu ritenuti veritjieri o meno. Iżda anki dikjarazzjoni jew stqarrija konsistenti f'*value judgment* tista', meta meqjusa l-proporzjonalita` tal-interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt għal-liberta` ta' espressjoni, tkun eċċessiva partikolarment meta dak il-ġudizzju jkun nieqes minn dak is-sottostratt ta' fatti biżżejjed sabiex isostni dak il- ġudizzju.[1]"**

Jinsab opinat mill-Gatley "on Libel and Slander", Seventh Edition, para 719:

**"A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail".**

**"A fair comment on a matter of publc interest is no libel or slander. This, however, does not mean that the words are not defamatory, i.e. not injurious to the reputation, if they are on assertion of some alleged fact, and not a comment. For the assertion of a fact is no comment at all; and if the fact alleged is denied by the plaintiff and the defendant cannot prove that the fact alleged by him is true, there must be a verdict for the plaintiff. Moreover, the onus of proving that the words complained of are a comment, and that they are a comment on a matter of public interest, lies with the defendant. The insinuations in the injurious words may be indirect; the allusions may be obscure; but, if there is a meaning in the words at all, the Court will find it out." The Hon. Mabel Strickland vs Joseph James Scorey et – 03/10/1951**

---

[1]- Qorti Kostituzzjonali "**il-Perit Michael Falzon u Saviour Balzan v. L-Avukat Generali, Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Dottor Michael Falzon**" deciza fil-11 ta' Jannar 2013

Huwa appuntu dak li stharrget l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u sabet allura illi dak miktub mill-appellat kien intiz sabiex jigbed l-attenzjoni tal-qarrej illi l-appellanti u il-BICREF ma  kellhomx jiehdu il-mertu kollu ghas-salvatagg tal-fkieren tal-bahar u dan ghaliex l-operazzjoni kienet wahda iktar wiesgha li taqa' taht il-manzjoni tan-nies impjegati tac-Centru ta' Rijabilitazzjoni ta' San Lucjan taht id-direzzjoni ta' Dr. Anthony Gruppetta u li l-involviment ta'l-appellanti, allura, kien wiehed minimu hafna. Fil-fatt fl-"Editor's note" ghall-ittra ta'kritika tal-appellat tas-17 ta' Novembru 2006, jinghad illi ir-rapurtagg ta' dan l-avveniment kien sar ababzi ta' stqarrija rilaxxjata mill-BICREF u mhux ghax kien hemm gurnalist tal-gazzetta qed jirrapporta dak li kien qed isehh. Fil-fatt l-Editur jammetti illi kien hemm zball ta' omissjoni fl-artikolu kif wara irrizultalhom minn indagini maghmula. Illi ukoll fir-rigward tal-ahhar ittra diretta lejn ir-rappurtagg tal-Biology symposium tal-2002, huwa evidenti minn qari tal-artikolu fejn gew irrappurtati il-progetti li saru mill-Universita, kif ukoll mix-xhieda tal-Professur Victor Axiaq, illi l-izball fir-rapurtagg  f'dak il-kaz ma kienx biss limitat ghal zball fit-titolu ta'l-artikolu kif maghmul mill-gazzetta, izda ghal mod kif gie rappurtat l-avveniment fejn inghata kreditu biss lix-xoghol maghmul taht is-supervizjoni ta'l-appellanti biex b'hekk ghas-snin ta' wara l-Universita hasset illi kellu isir rappurtagg aktar holistiku biex b'hekk jinghata kreditu lill-progetti kollha li ikunu twettqu mill-istudenti u mhux lil dawk biss illi ikunu saru taht is-supervizjoni ta' certu professuri.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fl-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha u ghal konkluzjonijiet minnha raggunti. Dan ghaliex jirrizulta illi ma kien hemm xejn libelluz jew malafamanti fil-kitbiet ta'l-appellat li hass li kellu jirrattifika, anke jekk forsi b'lingwagg iebes, ghal nuqqasijiet li kienu qed isehhu fir-rappurtagg maghmul mill-gazzetta The Times u The Sunday Times, billi kellu jigi rappurtat ghall-informazzjoni tal-pubbliku il-fatti kif sehhew u mhux il-fatti mill-ottika tal-

persuna jew persuni li ikunu ghaddew ir-rapport lill-gazzetta ghal publikazzjoni, tant illi fiz-zewg okkazzjonijiet il-gazzetta ammettiet in-nuqqasijiet taghha fir-rappurtagg.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata, bl-ispejjez ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur